# PROGRAMM



FESTI SOLENNI

F'ĠIEĦ

## IL-MADONNA TAL-GILJU

FIL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA

MILL-10 SAS-17 TA' MEJJU 1981

SOĊJETA MUŻIKALI TAL-ĠILJU
MQABBA

Maħruġ: mis-SOĊJETA' MUŻIKALI TAL-ĠILJU

MQABBA

# MESSAGG MILL-PRESIDENT

Il-festa tal-Madonna tal-Ġilju reġgħet waslet u bħal dejjem magħha ġġib ferħ u entużjażmu fi qlub ta' dawk li verament iħobbu lill-Madonna.

Il-festa tiġi biex l-ewwelnett nonoraw lill-Madonna u fl-istess ħin nitirħu flimkien. Għal dan il-għan il-Kumitat u membri attivi tas-Soċjeta' ħadmu bla heda u b'sagrifiċċju matul is-sena kollha. Il-frott ta' din il-ħidma narawh fit-tiżjin tat-toroq u l-pjazza tar-raħal u għal quddiem jekk Alla jrid nisperaw li jitkompla x-xogħol fuq l-armar u l-pavaljuni li hemm ippjanati.

Aħna nafu li s-sinjal tal-ħajja hu l-iżvilupp u l-kobor. Kull ħaġa li ma timxix 'il quddiem, illum jew għada tibda tmur lura u fl-aħħar tieqaf għal kollox. Il-membri u l-partitarji tas-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju għandhom biex ikunu kburin bil-progress li qiegħed isir fil-Każin kif ukoll bil-preparamenti għall-festa minn sena għall-oħra. Fost dan il-progress nistgħu ninnutaw it-tqegħid tal-poġġaman fit-taraġ tal-Każin. Qegħdin naraw il-Banda Lily tikber minn jum għall-ieħor u b'allievi u bandisti ġodda. Barra minn hekk taħt id-direzzjoni għaqlija tas-Surmast/Direttur Mro. Joseph Tonna A.Mus. L.C.M. qegħdin noħorġu barra mir-raħal tagħna biex nesegwixxu programmi f'postijiet diversi. Anke d-dilettanti tan-nar taw sehemhom għal ġid tas-Soċjeta' b'diversi wirjiet ta' logħob tan-nar f'ħafna bliet u rħula f'Malta. Mhux minnhom naqas li din is-sena m'hawnx il-kwalita' ta' nar li s-soltu jkollna.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn ta' merħba billi f'isem il-Kumitat u f'ismi nappella lill-partitarji kollha biex ikunu ġenerużi fl-offerti tagħhom għall-ispejjeż tal-Festa u biex f'dawn il-jiem sbieħ ta' festa ma jintilfux f'piki żejda li joħolqu firda fostna l-Imqabbin.

Minn qiegħ qalbi nixtieq il-Festa t-tajba lil kulħadd.

JOE ZAMMIT.

11, Pjazza tal-Knisja,
Mqabba.

## WERREJ

| | Paġna |
|---|---|
| Messaġġ mill-President | 3 |
| Il-Kumitat | 5 |
| Kelma tal-Kappillan | 6 |
| Il-Bradella | 8 |
| Festi fil-Knisja | 10 |
| Festi Esterni | 11 |
| Omm il-Faraġ | 12 |
| Rendikont tal-Festa fil-Knisja | 14 |
| L-Armar | 16 |
| Il-Banda Lily | 18 |

SAFARI

## PRESIDENTI ONORARJI

Menu Vella

Saver Abdilla

## PRESIDENT

Joe Zammit

## V. PRESIDENT

Joe Abdilla

**SEGRETARJU**

Peter Farrugia

**KAXXIER**

Benny Briffa

**ASS. SEGRETARJU**

Benny Dingli

**ASS. KAXXIER**

Teddy Farrugia

## MEMBRI

Charles Azzopardi
Salvu Farrugia
Joseph Tonna

Charles Camilleri
Charles Sacco
Alfred Xuereb

**SURMAST/DIRETTUR TAL-BANDA**

Mro. Joseph Tonna A.Mus. L.C.M.

**DELEGAT TAL-BANDA**

Joe Abdilla

**ASS. DELEGATI TAL-BANDA**

John Barbara
Frans Ciantar
Lolly Magro

# BORD EDITORJALI

**MEMBRI:** JOE ZAMMIT, BENNY BRIFFA, TEDDY FARRUGIA u CHARLES AZZOPARDI.

Ritratti: N. Briffa.

Il-BORD EDITORJALI jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li għenu biex dan il-ktejjeb seta' jsеħħ, speċjalment lil dawk li għoġobhom jirreklamaw f'dan il-ktejjeb. GRAZZI ĦAFNA.

# MENU VELLA

BĦAL SNIN OĦRA MENU VELLA GĦOĠBU JIRREGALA LIS-SOĊJETA' LI HIJA TANT GĦAL QALBU, IL-BRAZZ U L-KOLONNA TAL-POĠĠAMANN TAT-TARAĠ U TROFEW SABIĦ.

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Din hija l-ewwel Festa tal-Madonna, taħt it-titolu tal-Madonna tal-Ġilju, li jiena ser ingawdi flimkien magħkom. M'għandi l-ebda dubju li kif ir-nexxew il-festi tal-Madonna li għaddew u li jien segwejt bir-reqqa biex nitgħallem minnhom fejn, meta, u kif iħabbat il-polz tal-Imqabbin, għandha tirnexxi din ukoll, bla nkwiet u storbju żejjed.

Din il-festa tkun għalija, aktar milli għalikom, l-aħħar mera minn erbgħa, li timlieli l-aħħar parti mill-kwadru ta' moħħi dwar id-devozzjoni tal-Parroċċa lejn il-Madonna.

Jekk nifhmu verament xi tfisser it-titolu 'Madonna tal-Ġilju' għandna nifhmu wkoll li din il-festa hija okkażjoni biex nikbru fis-SAFA, u ruħna tir-rifletti l-bjuda tal-Ġilju. B'hekk inkunu qed nikbru fil-grazzja t'Alla, li huwa l-aħħar skop ta' kull ħidma pastorali, inkluż il-festi.

Il-Knisja Kattolika, tagħraf fid-devozzjoni lejn il-Verġni, għajnuna qawwija għall-bniedem. Hija mogħtija lilna bħala rahan u garanzija li fi ĦLEJQA SAFJA, ġa seħħ il-pjan t'Alla fi Kristu għall-fidwa tal-bniedem sħiħ.

Il-Madonna hija dik l-OMM ta' qalb tajba li dejjem issibilha fuq fommha tbissima ta' kuraġġ u kelma ta' faraġ għal dawk li huma mħawwdin f'ruħhom u f'qalbhom, magħfusin biex iħossuhom waħedhom waqt li tad-dispjaċir u ta' l-għali fi ħdan tad-dis9jaċir u ta' l-għali fi ħdan soċjeta' marbuta ma' tradizzjonijiet li jfixklu l-progress spiritwali li tant tixtieq il-Madonna.

Ix-xewqa tiegħi, għeżież Imqabbin, hija dik tal-Madonna. Ma ninqdewx bil-festi tagħha biex flok għaqda noħolqu firda. Ma ninqdewx b'Isimha biex flok inqimuha, inkażbruha.

Jekk taqtgħulha xewqitha, il-Madonna tiggarantilna r-rebħa tat-tama fuq in-niket, ta' l-għaqda fost l-aħwa, tal-paċi fuq it-taqlib, tal-ferħ fuq id-dwejjaq, u tal-ħajja fuq il-mewt.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

DUN WILLIE VELLA.

Kappillan.



Fis-1.00 ta' wara nofsinhar, tal-Ħamis 9 ta' April 1942, il-Knisja tar-raħal tagħna ntlaqtet bil-bombi ta' l-għadu u ġarrbet ħsarat kbar.. Fost l-affarijiet li tkissru kien hemm il-Bradella tal-Madonna tal-Ġilju.

Fit-13 ta' Diċembru 1952, Dun Ġużepp Xuereb, Prokuratur ħabrieki tal-festa, għamel rikors fil-Kurja biex issir Bradella ġdida. Wara li sar il-ġbir, inħadmet Bradella l-ġmiel tagħha fuq disinn ta' l-iskultur Buhagiar minn Ħal Tarxien. Din il-Bradella żżanżnet nhar it-8 ta' Diċembru 1954, Ċentinarju tad-Domma tal-Kunċizzjoni.


**BEECH-NUT**
THE LEADER IN BABY NUTRITION
**Charles Darmanin & Co. Ltd.**
32 ST. PAUL STR., VALLETTA

**JAMES GREEN**
**Funeral Service & Undertaker**
IRRIKORRU:
'GREEN HOUSE' ALLEY 1, ST. CATHERINE STR., QRENDI
Tel: 827791

# 1981 ★ Festa tal-Madonna

## PROG

## FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

**IL-ĦADD 10 ta' Mejju**

11.30 a.m. Ħruġ tal-istatwa artistika tal-Madonna tal-Ġilju min-Niċċa.

**IL-ĦAMIS 14 ta' Mejju**

7.00 p.m. Quddiesa Kantata bil-priedka mir-Rev. Dun Manwel Caruana Wara jkun hemm Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**IL-ĠIMGĦA 15 ta' Mejju**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
7.00 p.m. Kollox bħal jum ta' qabel.

**IS-SIBT 16 ta' Mejju LEJLIET IL-FESTA**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
5.30 p.m. Għasar solenni bil-Vuċijiet, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Wara jkun hemm Quddiesa li tkun tgħodd għall-Ħadd.

**IL-ĦADD 17 ta' Mejju JUM IL-FESTA**

5.30 a.m. Quddiesa Parrokkjali.
7.00 a.m. Quddiesa Letta.
8.00 a.m. Kant tal-Lawdi.
8.30 a.m. Quddiesa Kantata solenni bil-Mużika, fejn wara l-Evanġelju l-Wisq Rev. Kan. Carmelo Cefai jinseġ Paneġierku ta' tifħir lill-Ommna Marija taħt it-titlu għażiż tal-MADONNA TAL-ĠILJU.
10.30 a.m. Quddiesa Letta.
11.30 a.m. Quddiesa Letta.
6.30 p.m. Għasar solenni bil-Mużika. Wara toħroġ il-Purċissjoni bl-istatwa artistika tal-MADONNA TAL-ĠILJU. Mad-dħul tal-Purċissjoni ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B. 1. Lejlet il-festa kemm filgħodu kif ukoll wara nofsinhar ikun hemm il-Konfessuri barranin għall-Qrar. Inħeġġu lill-Imqabbin kollha biex jersqu lejn il-Qrar u t-Tqarbin fil-jiem tal-festa.

2. Il-Mużika fil-jiem tal-festa tkun taħt id-direzzjoni tal-Maestro di Cappella F. Diacono. Fl-għasar ta' Jum il-Festa jieħu sehem il-Kor taż-Żejtun taħt it-tmexxija ta' Joe Caruana.

**IL-KAPPILLAN.**

# a tal-Gilju, Mqabba ★ 1981

# RAMM

## FESTI ESTERNI

**IL-ĦADD 10 ta' Mejju**

11.30 a.m. Ħruġ ta' l-istatwa tal-MADONNA TAL-ĠILJU min-niċċa.
8.30 p.m. Mixegħla tal-Każin tas-SOĊJETA' MUŻIKALI TAL-ĠILJU.

**IL-ĦAMIS 14 ta' Mejju**

8.00 p.m. Mixegħla tar-raħal. Il-Banda Sta. Katerina taż-Żurrieq tiftaħ il-festi b'marċi mat-toroq tar-raħal.

**IL-ĠIMGĦA 15 ta' Mejju**

8.00 p.m. Mixegħla ġenerali. Il-Banda Lily takkumpanja l-istatwa tal-Madonna b'marċi brijużi mat-toroq tar-raħal. Malli l-marċ jasal fil-pjazza tindaqq l-Ave Maria u l-istatwa tittella' fuq il-pedistall. Hawn issir preżentazzjoni ta' Trofew lis-Soċieta' u rigal lis-Surmast mill-Bandisti. Wara isir Programm Mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Jos. Tonna li fih jindaqqu:

1. Innu tal-Banda ... ...... ... ... ...... ...... Darmanin
2. Fantasia minn 'La Vedova Alegra' ...... ... Lehar
3. Fantasia minn 'Il Trovatore' ...... ...... ... Verdi
4. Rapsodia Napoletana ... ...... ... ...... Cristiano
5. Innu LIL MADONNA TAL-ĠILJU ...... Darmanin

INNU MALTI

**IS-SIBT 16 ta' Mejju LEJLIET IL-FESTA**

8.00 p.m. Mixegħla ġenerali. Il-Banda Sta. Katerina taż-Żurrieq tagħmel marċ brijuż mat-toroq tar-raħal, fejn wara tesegwixxi Programm Mużikali.

**IL-ĦADD 17 ta' Mejju JUM IL-FESTA**

12.30 p.m. Il-Banda Lily tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha mar-raħal bis-sehem brijuż tal-partitarji tagħha li jakkumpanjaw b'entużjażmu kbir.
6.00 p.m. Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq tagħmel marċ minn Triq il-Parroċċa sal-pjazza.
6.30 p.m. Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq tagħmel marċ minn Triq Sta. Katerina sal-pjazza. Mal-ħruġ ta' l-istatwa tindaqq l-Ave Maria u hekk kif tasal quddiem il-Każin tas-SOĊJETA' MUŻIKALI TAL-ĠILJU, il-Banda Queen Victoria tesegwixxi 'INNU LIL MADONNA TAL-ĠILJU' versi ta' Dun F. Camilleri u mużika ta' Mro. J. Darmanin. Jieħu sehem il-Kor tat-Tfajliet ta' l-istess Soċjeta'.

Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lil Miss Karmena Mifsud għal ġbir li tagħmel bieb bieb għan-nom tas-SOĊJETA' MUŻIKALI TAL-ĠILJU.

**IL-KUMITAT.**

# OMM IL-FARAG

Kemm inħobbok oh Madonna,
Mhux minn fommi biss dal-kliem,
Iżda b'qalbi nixtieq ngħidlek,
Li taf tħobb tagħraf kull sliem.

Kemm imnikkta lqajt ġo darek,
Miegħek strieħu imħuħ għajjiena,
Int tħarishom u sseddaqhom,
U għal kulħadd int iġġib ħniena.

M'hemmx kuluri, fqar, sinjuri,
Kulħadd bl-istess qalb ta' Omm,
Dik l-imħabba kemm hi kbira,
Faraġ, niket int iżżomm.

Serħ u hena int taf tagħti,
Lil kull midneb fi ħsieb fik,
Inti tħeġġu, tgħallmu jindem,
Tgħallmu jħobb lil dawk kontrik.

Omm il-Faraġ, Omm Ħanina,
Bħal ma int għoġbok turina
Seddaq b'għerf l-imħuħ għajjiena,
B'għerf ta' mħabba u ta' ħniena.

MICHAEL DINGLI.

---


# BARBARA PRESS

**(Hdejn il-Mithna tax-Xarolla)**

**Barcellona Lane, Zurrieq**

**Tel 829629**

L-istamperija li toffrilek l-aqwa inviti moderni taż-żwieġ u l-għerusija,

santi tal-Griżma u tal-Preċett u kull xogħol ta' kulur.

Prezzjiet irħas u xogħol tajjeb f'qasir żmien.

# FESTA TAL-MADONNA TAL-GILJU – 1980

## Rendikont tal-Festa fil-Knisja

| DĦUL | £M c, m |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena ta' qabel | 91.73,2 |
| Ġbir bl-envelopes | 291.94,0 |
| Ħlas tal-Konsum tad-Dawl mis-Soċjeta' Muż. tal-Ġilju | 7.00,0 |
| TOTAL | 390.67,2 |

| ĦRUĠ | |
|---|---|
| Orkestra | 85.00,0 |
| Vuċijiet u Organista | 25.75,0 |
| Punteriia (i.e. Saċerdoti, abbatini, eċċ.) | 31.50,0 |
| Dawl fil-Knisja | 7.00,0 |
| Damask u Armar | 10.00,0 |
| Salib tal-Kleru u Lanterni | 10.00,0 |
| Daqq tal-qniepen | 13.00,0 |
| Xemgħa tal-Artali, eċċ. | 11.00,0 |
| Trasport għall-Ministri, l-Orkestra, Kor, eċċ. | 18.00,0 |
| Konfessuri barranin | 8.00,0 |
| Predikatur tat-Tridu | 4.00,0 |
| Saċerdoti Barranin filgħodu u filgħaxija | 19.00,0 |
| Fjuri għat-Tridu u għall-Festa | 6.45,0 |
| Envelopes u Timbru | 1.65,0 |
| Programmi | 15.00,0 |
| Xorb | 2.14,0 |
| TOTAL | 267.49,0 |

| | |
|---|---|
| DĦUL | £M390.67,2 |
| ĦRUĠ | £M267.49,0 |
| BILANĊ | £M123.18,2 |

Għall-okkażjoni tal-Festa tal-MADONNA TAL-ĠILJU 1981 se jiżżanżnu dawn l-Opri Ġodda:

1. Poġġaman tat-taraġ tal-Każin tas-Soċjeta'. Ix-xogħol tal-Ferrobattuto sar mis-Sur Alfred Xuereb, ix-xogħol tal-Kawba sar minn Sacco Bros. u x-xogħol ta' l-iskultura sar minn Joseph Chetcuti.
2. Sett ta' Bandalori u Bnadar għat-Trofej ta' madwar iz-zuntier tal-Knisja.
3. Parti minn sett ta' Pavaljuni għat-Triq San Basilju.
4. Tkomplija tar-Restawr tal-Armar.

# L-ARMAR

Kif jaf kulħadd is-sena l-oħra l-Kumitat ħass il-ħtieġa li jagħti bidu għar-restawr tal-armar. Billi dan ma tlestiex kollu l-istess grupp ta' żgħażagħ reġgħu ssagrifikaw ħafna mill-ħin liberu sabiex jaraw il-kumplament tal-armar irranġat u irħamat.

Barra minn dan kollu nbeda wkoll sett ta' Pavaljuni għat-toroq San Bażilju u tal-Belt (ara ritratt). Minn dawn tlestew ħamsa biss, peress li jinvolvu ħafna xogħol speċjalment il-pittura. Tlesta wkoll sett ta' bnadar u bandalori għat-trofej ta' madwar iz-zuntier. L-istatwi ta' Papa Piju X, ta' Malta, ta' San Mikiel u San Gabriel ġew imlibbsa mill-ġdid wara l-ħsara kbira li ġarrbu bix-xita li għamlet nhar il-festa s-sena l-oħra.

Charlie Camilleri b'sengħa kbira reġa' ħa ħsieb l-irħamar tal-armar. Ix-xogħol fuq l-istatwi ħa ħsiebhom Tarċisju Dingli li ħa biċċa xogħol enormi peress li dawn bienu spiċċaw għal kollox. Il-ħjata kienet f'idejn l-aħwa Carmen u Rita Ciantar. Il-pavaljuni ġew iddisinjati mill-istess żgħażagħ li ħadu ħsieb ukoll il-pittura. Sacco Bros. taw sehemhom ukoll peress li ħafna mix-xogħol fuq l-injam sar għandhom fejn sibna koperazzjoni kbira minnhom.

Fl-aħħarnett nixtiequ nirringrazzjaw lis-Soċi u l-Partitarji għal ġenerożità kbira u għall-inkoraġġament li dejjem tawna. J'Alla l-ħeġġa ta' dawn iż-żegħżagħ tkompli biex jitkompla x-xogħol li diġa' mbeda u biex dak li nemm ippjanat isir ħalli l-isem tas-Soċjeta' tal-Ġiliu u tal-Imqabba jkompli jikber dejjem iżjed.



# IL-BANDA LILY

Tkun ħaġa flokha jekk nieħdu l-okkażjoni ta' dan il-ktejjeb biex nagħtu xi tagħrif ċkejken fuq il-progress li qiegħed isir fi ħdan il-Banda tas-Soċjeta' — il-BANDA LILY.

Bħal snin oħra l-Banda ħadet sehem fil-Festa tal-Kunċizzjoni b'programm mużikali fil-pjazza tal-Knisja. Dan il-programm ġie apprezzat ħafna minn dawk li kienu preżenti. L-Allievi ġew mistiedna bħal drabi oħra jieħdu sehem fil-Party tal-Milied għat-Tfal tal-ħaddiema tal-fabbrika ta' li Stainless Steel ġewwa l-Istitut Kattoliku, fejn daqqew Għanjiet tal-Milied. Għall-istaġun tal-festi ta' din is-sena s-Soċjeta' rċeviet għadd ta' stediniet biex il-Banda Lily tmur iddoqq f'irħula oħra. L-ewel servizz se jkun fil-Festa ta' San Ġużepp f'Ħal Kirkop nhar it-3 ta' Mejju 1981.

Taħt it-tmexxija ħabrieka u konsistenti tas-Surmast/Direttur tagħha Mro. Joseph Tonna A.Mus. L.C.M.. l-interess fil-Banda Lily qiegħed jiżdied. Imħeġġa mis-Surmast Tonna qegħdin naraw ex-Bandisti jerġgħu jibdew jattendu għal-lezzjonijiet u l-kunċerti. Dan qiegħed iservi ta' nkoraġġiment għall-Allievi li l-attendenza tagħhom għal-lezzjonijiet qiegħda tkun kbira ħafna. Barra minn hekk nieħdu gost naraw numru ta' Soċi u Partitarji jattendu għall-Kunċerti li jsiru ta' kull ġimgħa.



**BIL-WIEQFA (mix-xellug għal-lemin): Carmelo Baldacchino — Euphonium, Joe Abdilla — Katuba, Joe Grech — Euphonium, Gilio Bugeja — Sax Alto, Jimmy Briffa — Klarinett, Michael Ghigo — Trumbun.**

**BIL-QEGĦDA: Nathalie Farrugia — Klarinett, Alison Muscat — Klarinett, Marika Formosa — Flaut, Mro. Jos. Tonna A.Mus. L.C.M., Simon Grech — Klarinett, Tony Zamimt — Klarinett, u Josette Ghigo — Klarinett.**

Għall-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Ġiliu sejrin nassistu għall-ħruġ ta-tnax-il Bandist ġdid (ara ritratt). Barra minn dawn hemm għaxar Allievi oħra il qegħdin jitgħallmu l-istrument u oħrajn it-teorija. Nieħdu din l-okkażjoni biex nappellaw lil dawk li huma mħajjra li jitgħallmu l-Banda biex javviċinaw jew lil Mro. Jos. Tonna jew inkella xi membru tal-Kumitat.

Din is-sena għall-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Ġiliu, il-BANDA LILY ser iżżanżan sett ta' Marċi ġodda li ġew irregalati mill-ammiraturi tagħha.

1. MELITA ... ... ... ... ... ... ... ... Maj. Ant. AQUILINA
(irregalat minn J. Abdilla)
2. MARIA ... ... ... ... ... ... ... ... ... Mro. E. BUGEJA
(irregalat minn F. Ciantar u L. Magro)
3. FORZA CENSINNA ... ... ... ... ... Maj. Ant. AQUILINA
(irregalat minn A. Xuereb)
4. GOLDEN EAGLE ... ... ... ... ... Mro. J. BARBARA
(irregalat minn A. Gauci)
5. ZORRO ... ... ... ... ... ... ... ... Maj. Ant. AQUILINA
(irregalat mill-Management tan-Nettuno Bar & Restaurant)
6. MARYAM ... ... ... ... ... ... ... Mro. P. SCHEMBRI
(irergalat minn P. Farrugia)
7. ALEXANDER ... ... ... ... ... ... Mro. JOS. TONNA
(irregalat mis-Surmast stess)
8. MARVIN ... ... ... ... ... ... ... ... Mro. JOS. TONNA
(irregalat mis-Surmast stess)

Dawn il-marċi flimkien ma' 'INNU LIL MADONNA TAL-ĠILJU' xogħol ta' Mro. J. Darmanin u kliem ta' Dun F. Camilleri se jinstemgħu fuq Cable Radio l-nhar il-Festa, 17 ta' Mejju 1981 fl-10.30 a.m.

---

TRUST YOUR HAIRDRESSER . . . . HER SPECIAL SECRET . . . .
NATURAL STYLING METHOD . . . .

**Only your Hairdresser can give you that Special Hair Style**

FOR LONGER LASTING STYLE CONTACT

**STYLES SALON**

13 ST. CATHERINE STR., MQABBA